MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1342/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet
ta' l-assigurat taghha Carmel Formosa abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess
Carmel Formosa [307736(M)]**

**Vs**

**Abdallah Bendokdra**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u sbatax-il lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm217.35c) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-

attur Carmel Formosa assigurat tas-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm192.35c), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-istess Carmel Formosa in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta’ Gunju, 2004 ghall-habta tal-12.30p.m gewwa St Joseph High Road, Hamrun, bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur Carmel Formosa, bin-numru ta’ registrazzjoni LCF 194 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni GAF 494, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tas-7 ta’ Frar, 2005 u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija Ittra Ufficjali tas-7 ta’ Frar, 2005 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut Abdallah Bendokdra, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Ramona Frendo tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sbatax-il lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm217.35c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------